Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru : 1563

Kaz Numru 1839

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Marco Briffa

U

Print Line Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 6 ta' Dicembru 2004

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra ossia dikjarazzjoni mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 10 ta' Dicembru 2003 mill-Avukat Dr. Norma Vella li bghatet din id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' Marco Briffa fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Marco Briffa maghruf bhala l-appellant kien assistia mill-Avukat Dr. Norma Vella u ghall-Kumpanija Print Line Limited deher Mark Portelli assistit minn Dr. Jean Karl Farrugia.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Print Line Limited bhala "finisher: u dan dam jahdem mieghu ghall-hdax il-xahar. Dejjem hadem mas-socjeta intimata bil-qalb u bil-galbu. Illi l-appellant gie mkeccija wara li gie infurmat li kien hemm ilmenti minn xi klijenti u naqqsulu l-paga biex jaghmel tajjeb ghat-telf. L-istess appellant jghid illi ilmenti ma kienx hemm u ghalhekk minhabba

r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Marco Briffa gie terminat minhabba li kien ghamel diversi zbalji fuq ix-xoghol tieghu li swew il-kumpanija xi flus kif ukoll meta bidlulu x-xoghol u beda jaghmilha ta' delivery man beda idum bid-deliveries u ghalhekk ma kellhomx alternattiva hlief li jckeccuh.

## PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Mark Portelli issotometta affidavit fejn iddikjara illil l-istess Marco Briffa gie imwissi diversi drabi fuq ix-xoghol inferjuri li kien qieghed jaghmel kif ukoll kien intbghatitu ittra ta' twissija.

Xehed Alan Thorne ex-impjegat fejn ftakar f'xi incident fejn il-cutter kien imqieghed hazin u meta hareg ix-xoghol hazin gara hekk ghax Marco Briffa ma kienx jaf li il-cutter kien bil-maqlub. Ukoll qal li kien hemm diversi ilmenti pero ovvjament kienu minn-naha tal-kijenti.

Xehed in kontro-ezami Mark Portelli kif ukoll xehed Marco Briffa u gie kontro-ezaminat.

Xehed ukoll Alan Borg ex-impjegat ma Printline Ltd fejn iddikjara illi kemm hu kif ukoll Marco Briffa kienu l-aktar ghamlu xoghol ta' taqligh ta' travi ghalmenu meta kien qieghed jahdem hemm ghal zmien qasir.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li ftit kien hemm xhieda f'dan il-kaz u piuttost irid jezamina fid-dettal l-versjoni tal-principal Mark Portelli kif kontrastata bil-versjoni ta' Marco Briffa. It-Tribunal ma tanx qieghed jaghti piz ghax-xhieda ta' Alan Thorne peress li jhoss li huwa wisq favur l-appellant Marco Briffa u ix-xhieda ta' Alan Borg hija ukoll neglibibbli peress dam zmien zghir jahdem ma Print Line Limited.

It-Tribunal pero qieghed jemmen illi ix-xoghol li kien jaghel Marco Briffa verament kien ta' kwalita inferjuri u ghalhekk qieghed jaghti importanza l-ittra tat-31 ta' Lulju 2003 fejn Marco Briffa gie imwissi fuq ix-xoghol tmien xhur wara l-impjieg tieghu.

It-Tribunal mhux ser jidhol fil-mertu ta' notice period, jew nuqqas ta' paga jew allowence jew aspetti ohra. Ix-xoghl ta' dan it-Tribunal huwa jekk kien hemm tkexxija ingusta jew le. Dawn id-drittijiet li huma importanti jistghu jigu salvagwardjati quddiem fora differenti li propju il-Ligi tippovdi ghalihom u din d-decizzjoni hija zgur minghajr pregudizzju ghall-dawn id-drittijiet.

It-Tribunal ihoss illi s-socjeta Print Line Limited rinfaccata minn nuqqas ta' livell fil-priinting bdiet taghti xoghol alternattiv lill-Marco Briffa pero meta dan naqas li jaghmlu serjament forsi minhabba nuqqas ta' motivazzjoni kien gustifikat li jkeccieh.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Print Line Limited kien gustifikat li jkecci lill-Marco Briffa mix-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju